Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 726/2006

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**Vs**

**Van der Hoff Design (Malta) Limited [C-11798]**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Assocjazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295) rapprezentanti kontribuzzjoni dovuta mis-socjeta' konvenuta ghas-sena 2005 ai termini ta' l-istatut ta' l-istess Assocjazzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Assocjazzjoni attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Assocjazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------